MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**JOSEPH A. APAP BOLOGNA**

Seduta ta' l-1 ta' Frar, 2011

Numru. 372/1993

**IL-PULIZIJA**
**(Spettur Anthony Cassar)**

**Vs**

**Philip Pace**

**Il-Qorti,**

Rat l-atti kollha tal-kompilazzjoni migbura fil-konfront tal-imputat u dan talli fi Mdina Road, Hal Qormi, nhar is-26 t'Ottubru, 1991 ghall-habta ta' xi l-11.20pm:

(i) b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni, jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni tas-sewqan, jew b'nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku, ikkaguna l-mewt ta' Anthony Zammit minn G'Mangia;

(ii) u aktar talli fl-istess lok , jum, hin u cirkostanzi saq vettura ta’ l-ghamla Fiat 131, Mirafiori ta’ lewn Maroon, bin-numru tar-registrazzjoni A-7213, b’manjiera perikoluza, traskurata u bi speed eccessiv;

(iii) u aktar talli fl-istess lok, jum, hin u cirkostanzi, saq l-imsemmija vettura nru. A-7213 bil-‘handbreak’ li ma kienx jiffunzjona;

Rat it-talba tal-prosekuzzjoni sabiex f’kaz ta’ htija, flimkien mal-piena, l-Qorti tapplika wkoll l-artikolu 553(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat in-nota tal-Avukat Generali (fol 82 tal-istess atti) u li biha, billi deherlu li tista’ tinstab htija (jew htijiet) a bazi tal-istess kumpilazzjoni fil-konfront tal-istess imputat, taht dak li hemm mahsub:-

(a) Fl-Artikolu 225 tal-Kodici Kriminali;
(b) Fl-Artiklu 15(1)(a)(2) tal-Kap.65;
(c) Fl-Artikoli 17, 18 tal-Kap. 65 u r-Regolament 102 tal-G.N. 24/1948;
(d) Fl-Artikoli 17, 18 tal-Kap. 65 u r-Regolamenti 74 u 75 tal-G.N. 24/1948;
Iddecieda li jibghat lill-istess imputat sabiex jigi gudikat minn din il-Qorti f’nuqqas ta’ opposizzjoni da parti tal-istess imputat u dan prevju li l-istess Qorti tisma’ x-xhieda tat-Tabib Anthony Pisani hawn indikat.

Semghet lil dan ix-xhud kif ukoll l-imputat jiddikjara li ma ghandux oggezzjoni ghall-imsemmija procedura (ara fol 91 ibid).

Semghet lill-akkuzat minn jeddu.

Rat l-atti kollha tal-kaz specjalment dak verbalizzat u degretat a fol 117 ibid u dak a fol 120 ibid.

Semghet it-trattazjoni.

<u>Ikkunsidrat</u>

Illi, kif xehed l-Ufficjal Prosekutur (fol 14 et seq ibid) fid-data in kwistjoni ghall-habta tal-11.20pm kien sar rapport dwar dan il-kaz, li fih Anthony Zammit tal-eta ta' 57 sena' kien tilef hajtu. Skond l-istess xhieda dan kien miet bhala konsegwenza ta' incident stradali li gara f'Triq l-Imdina meta "…gie mtajjar minn karozza misjuqa mill-akkuzat u li kienet tal-marka "Fiat Mirafiori" numru A7213. Wara li l-istess Anthony Zammit gie certifikat bhala mejjet, kienet saret l-inkjesta mill-Magistrat tal-ghassa (ara il-'proces verbal' u l-atti relattivi a fol 13 et seq ibid). Dan kompla billi qal illi mill-investigazzjonijiet ta' dan il-kaz, irrizulta li l-mejjet kien sewwieq ta' xarabank u matul l-istess lejl tal-incident, meta spicca x-xoghol kien qed idahhal ix-Xarabank f' 'garage' got-triq imsemmija. Hawnhekk waqt li l-istess xarabank bin-numru Y0438 kien parkeggat, hu kien qed jaqsam it-triq u ntlaqat minn karozza misjuqa mill-akkuzat u li kienet gejja mid-direzzjoni tal-Marsa u sejra lejn Haz Zebbug. Meta kien mar fuq il-post, hu kien ra li l-istess karozza kellha hsarat fuq in-naha tal-lemin tal-'bumper' u 'mudguard' oltre fuq il-'windscreen'. Fuq il-post l-akkuzat, wara li gie debitament imwissi u fil-presenza ta' esperti nominati fl-inkjesta kien stqarr illi hu kien qed isuq fl-istess triq meta, f'daqqa wahda, kien ra persuna taqsam l-istess triq "minn quddiem l-istess xarabank" u avolja pprova jwaqqaf il-karozza tieghu, ma kienx irnexxielu u bhala konsegwenza laqat lill-istess ragel. Fuq il-post, ix-xhud kien kellem lil Francis Briffa, passigier fil-karozza misjuqa mill-akkuzat u dak kien ikkonferma dak li kien stqarr l-akkuzat izda zied li dan tal-ahhar kien qed jsuq b'velocita ta' madwar 35/40 mil fis-siegha.

Ikkunsidrat

Illi jkun opportun illi mal-ewwel issir referenza ghall-'proces verbal' anness a fol 13 kif ukoll ghall-atti u dokumenti annessi mieghu, kollox konfermat waqt l-istess kumpilazzjoni. A fol 51 tal-istess 'proces verbal' tinsab pjanta maghmula mill-espert tekniku l-AIC Richard Aquilina. Fuq din il-pjanta li hi skalata, jigu notati l-posizzjonijiet tal-kadavru ta' Anthony Zammit go fetha fis-'centre strip', tal-vettura 'Fiat Mirafiori' numru A7213 parkegjata fil-genb tat-triq mal-bankina u tax-xarabank

msemmija kif ukoll marki ta' 'brakes li kellhom kejl ta' 37.45 metri.

Illi, kif jidher mir-relazzjoni tal-espert tekniku u l-verbali tax-xhieda u access li kienu nstemghu u nzammu waqt l-inkjesta, l-akkuzat kien enfasizza illi l-marki ta' 'brakes' ma kienux saru mill-vettura misjuqa minnu. Pero' din l-allegazzjoni ma jidhirx illi effettivament, tirrispekkja dak li kien gara immedjatament qabel ma l-akkuzat laqat lill-vittma u kkaguna l-mewt ta' dan. Difatti ix-xhieda Carmel Zammit, George Bellizzi u Helen Fenech kollha kemm huma residenti fil-vicin u ma rawx l-incident jsehh, xehdu illi huma hargu barra mir-residenza rispettiva taghhom sabiex jaraw x'gara meta lkoll semghu il-hoss ta' 'brakes', qawwi u fit-tul.

Illi minn dan premess kif ukoll ghal fatt illi l-istess Pace qal li kien ra' l-vittma jaqsam it-triq. Ghall-ewwel, hu qal illi "ma bbrejkjajtx izda waqaft". Imbaghad hu qal li meta l-frak tal-'windscreen' kien gie lejn wiccu, hu ghafas il-'brake' u "kif tajtu d-daqqa zammejt il-'brake'. Ksirt lejn il-hajt" ossija mal-genb, fejn fuq il-pjanta msemmija, hi murija l-vettura tieghu. Ghalhekk il-konkluzjoni ghandha tkun illi l-imsemmija marka ta' 'brake' saru mill-vettura misjuqa mill-akkuzat avolja fuq l-istess pjanta hemm certu distanza bejn il-punt fejn jispiccaw l-istess marki u l-posizzjoni tal-vettura tal-akkuzat meta din twaqqfet.

Ikkunsidrat

Illi konsiderati kemm il-'thinking distance' abbinata mat-tul tal-marki ta' 'brakes' kif ukoll il-hsara kagunata fil-vettura misjuqa mill-akkuzat, ma ghandu jkun hemm l-ebda dubbju li l-akkuzat kien qed jsuq b'velocita altament eccessiva u bis-sahha.

Ikkunsidrat

Illi minn naha l-ohra, l-mod kif il-vittma kien qed jaqsam it-triq jindika certu nuqqas ta' hsieb peress li kieku agixxa b'dik il-prudenza li 'pedestrian' ghandu juza meta jkun qed jaqsam triq forsi kien jara d-dawl tal-vettura misjuqa mill-akkuzat. Pero dan in-nuqqas ma kiex ta' tali gravita li jannulla l-perikolozita fis-sewqan da parti tal-akkuzat billi

dan kien qed jsuq vettura b' 'hand brake' ma jiffunzjonax, b'velocita eccessiva, liema fattur ghandu jigi konsiderat bhala l-kawza tal-mewt tal-istess vittma. 'Caso mai' xi traskuragni da parti tal-vittma ghandha tigi konsiderata fil-ghoti tal-piena.

Ikkunsidrat

Illi jigi rilevat illi l-akkuzat kien talab ezami tossikologiku tal-istess vittma, liema talba, pero' kienet saret snin wara, waqt is-smigh tal-provi tad-difiza. Difatti tali talba bl-ebda mod ma setghet tigi akkolta tenut kont ukoll li ma hemm ebda indizju li b'xi mod, seta' jindika li l-vittma kien b'xi mod taht l-influwenza ta' 'alcohol' jew sustanza ohra.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti ssib lill-akkuzat hati talli fi Mdina Road, Hal Qormi, nhar is-26 t'Ottubru, 1991 ghall-habta ta' xi l-11.20pm:

(i) b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni, jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni tas-sewqan, jew b'nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku, ikkaguna l-mewt ta' Anthony Zammit minn G'Mangia;

(ii) u aktar talli fl-istess lok , jum, hin u cirkostanzi saq vettura ta' l-ghamla Fiat 131, Mirafiori ta' lewn Maroon, bin-numru tar-registrazzjoni A-7213, b'manjiera perikoluza, traskurata u bi speed eccessiv;

(iii) u aktar talli fl-istess lok, jum, hin u cirkostanzi, saq l-imsemmija vettura nru. A-7213 bil-'handbreak' li ma kienx jiffunzjona;

u dan skond l-artikolu 225 tal-Kodici Kriminali kif ukoll l-artikoli 15(1)(a)(2) tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta, l-artikoli 17 u 18 tal-istess Kapitolu 65 u r-regolament 102 tal-Avviz Legali 24/1948 u l-artikoli 17 u 18 tal-imsemmi Kapitolu 65 u r-regolament 74 u 75 tal-Avviz Legali 24/1948.

In rigward il-piena, il-Qorti tikkonsidra zewg fatturi ossija l-fedina penali kwazi ghal kollox netta kif ukoll l-element ta' kontributorjeta da parti tal-vittma. Kif digja nghad, il-Qorti

taqbel ma dak sottomess mill-espert tekniku fis-sens li l-istess vittma kkontribwixxa ghall-akkadut bil-mod kif kien qed jaqsam it-triq minghajr id-debita prudenza u attenzjoni u ghalhekk l-akkuzat gie rinfaccat b'emergenza subitanea. Konsegwentement il-Qorti ma hiex ser taghti piena ta' prigunerija izda' wahda pekunjarja. Ghalhekk il-Qorti tikkundanna lill-akkuzat ghal piena ta' €2400 komplessivament kif ukoll tordna l-iskwalifika tal-akkuzat minn kull licenzja tas-sewqan ghal perjodu ta' tlett (3) xhur. Fl-ahhar nett, in vista li l-esperti kollha kienu gew nominati waqt l-inkjesta, il-Qorti ma tistax tapplika l-artikolu 533 tal-Kodici Kriminali tenut kont ta' kif kienet il-ligi u gurisprudenza meta sehh dan l-incident.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------